9 ta' Mejju, 1947.

Imhallef:

Il-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Emmanuela Calleja ne. *versus* Clemente Borg

**Alimenti — Filjazzjoni Illegittima — Artt. 28, 108 (1) u 679 tal-Kodiċi Ċivili.**

L-alimenti dovuti "officio judicis" huma varjabili skond ma jvarjaw il-mezzi ta' l-alimenti u l-bzonnijiet ta' l-alimentand.

Imma il-każ ta' alimenti dovuti "officio judicis" lil iben naturali li ma hux rikonoxxut, imma li ġie dikjarat tali b'sentenza, din ir-regola hija modifikata fis-sens illi l-alimentand jista' jippretendi żieda fl-alimenti fuq il-motivi illi l-bżonnijiet tieghu kibru imma ma jistax jitlob dik il-varjazzjoni fir-retta alimentarja semplicement ghax il-posizzjoni finanzjarja ta min hu obligat jaghtih dawk l-alimenti ghaddiet ghall-ahjar.

IL-QORTI, — Rat it-talba ta' l-attur *nomine* li wara li jpremettiet li tiġi maghmula kull dikjarazzjoni mehtieġa w mehuda kull provvediment opportun, peress illi dina l-QORTI:

bis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuela Calleja ne. vs. Clemente Borg" fit-30 ta' Ġunju 1936, konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1937, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi għal binha Emmanuele, f'darha, tmien soldi (8d.) kuljum, bil-ġimgħa bil-quddiem, mill-jum tas-sentenza, bħala pensjoni alimentarja (dok. A), u dana wara li bl-istess sentenza il-konvenut ġie dikjarat missier naturali ta' l-imsemmi Emmanuele; u peress illi mis-sentenza fuq imsemmija sal-ium iċ-ċirkustanzi tbiddlu, fis-sens li l-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenut immiljorat ħafna, waqt li l-ispejjeż għall-mantenimient, edukazzjoni u lbies tal-minuri Emmanuele kibru u l-ħajja għoliet; talbet li jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi (1) il-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenut tjiebet mis-sentenza fuq imsemmija 'l hawn, u l-bżonnijiet tal-minuri kibru, u (2) illi in konsegwenza l-pensjoni alimentarja ta' 8d. kuljum kif fissata mill-fuq imsemmija sentenza għandha tiġi awmentata billi jiġu kunsidrati l-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet ta' l-imsemmi minuri. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-premessi ta' l-att taċ-ċitazzjoni l-attriċi nomine qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq żewġ raġunijiet "di fatto", u ċjoè l-ewwel waħda li l-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenut, l-alimentanti jew tenut għall-alimenti, mis-sentenza fejn l-istess ġie dikjarat missier naturali tat-tifel imsemmi u ġie kundannat iħallas ir-rata alimentarja msemmija, immiljorat finanzjarjament ħafna; u t-tieni raġuni, bħala korrelazzjoni "in peius", li l-bżonn ta' l-alimentand, jew min għandu jirċievi l-alimenti, tant għall-mantenimient kemm għall-edukazzjoni u lbies, *bżienet ħafna minħabba fl-għoli tal-ħajja* fiż-żmenijiet preżenti;

Illi l-konvenut oppona li la darba bis-sentenza preċedenti, wara li huwa ġie rikonoxxut "officio judicis" missier naturali tat-tifel in kwistjoni, u konsegwentement ġie kundannat iħallas is-somma ta' 8d. kuljum għall-mantenimient strettament neċessarju tat-tifel in kwistjoni, l-attriċi nomine ma setgħetx tagħmel dina l-kawża, u kwalunkwe miljorament fil-

pożizzjoni finanzjarja tiegħu u proposti ta' transazzjoni qabel il-kawża ma għandhomx ikollhom u ma jistax ikollhom ebda piż għad-determinazzjoni ta' dina l-kawża;

Tikkunsidra;

Illi dwar il-kwistjoni bejn il-kontendenti in tema legali jingħad li skond l-art. 109 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, il-lum inkorporat fl-art. 108 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, Edizzjoni Riveduta, dak li ma jkunx għaraf (ir-rikonoxximent ta' tifel illeġittimu) b'ibnu lit-tifel, iżda illi jkun iddikjarat missieru "officio judicis", hu obligat biss li jagħti lit-tifel dak li huwa biżżejjed għall-ikel, għall-ilbies, u għall-abitazzjoni, skond ma tkun il-kondizzjoni ta' l-omm;

Illi skond l-art. 27 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, il-lum inkorporat fl-art. 28 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, l-alimenti ordnati "officio judicis" huma varjabili skond il-varjazzjoni tal-bżonn tal-persuna li tkun dikjarata li għandha dritt li tkun alimentata; u dana l-artikolu ġie dejjem mill-ġurisprudenza lokali interpretat fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet manifestament juru li s-sentenzi li bihom "officio judicis" jiġu assenjati l-istess alimenti huma, għan-natura tagħhom stess, ta' indoli provviżorja; u dan għar-raġuni loġika evidenti li għal kull kambjament li jista' javvera ruħu, sija fl-alimenanti kemm fl-alimentando, dawn l-istess sentenzi huma soġġetti daqqa għal xi modifika, u daqqa u xi drabi għal revoka assoluta;

Illi fl-istess liġi tagħna huwa kontemplat il-każ ta' pensjoni alimentarja lit-tifel mhux leġittimu, li ma għandhiex teċċedi dak li huwa strettament neċessarju għall-għajxien, u dejjem rigwardata l-kondizzjoni ta' l-omm, li, darba li tkun determinata, ma tistax bl-ebda mod tiġi alterata nonostanti kwalunkwe mutament ta' ċirkustanzi (ara art. 340 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum inkorporat fl-art. 679 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta), imma għalkemm dana d-dispost tal-liġi jaqbel ma' l-art. 108 (1) fuq ċitat, dwar li l-alimenti għandhom jiġu determinati skond il-kondizzjoni ta' l-omm, iżda l-istess huma bażati fuq kawżi u raġunijiet definitivament ben distinti. Infatti l-art. 108 (1) isib ir-raġuni tiegħu fuq l-obligu tal-prestazzjoni alimentari "pietatis causa", mentri l-art. 679 huwa d-dritt tar-riżerva

suċċessorja tat-tifel naturali dikjarat iben persuna partikulari "officio judicis", apparti d-distinzjonijiet l-oħra li ntqalu fuq:

Illi kwindi mhux leċitu, anzi huwa inġuridiku, minħabba fil-prinċipju "ubi lex voluit dixit", li l-impediment ta' l-alterazzjoni tal-pensjoni alimentarja kontemplata għar-raġunijiet speċjali li jsibu r-radiċi tagħhom fl-istitut hemm imsemmi, fl-art. 679, tiġi estiża għall-każi tad-determinazzjoni ta' l-alimenti kontemplati fl-artikolu 108 (1) fuq imsemmi;

Illi fuq l-iskorta ta' dawna l-prinċipji, u in ispeċje taddispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata (art. 108 (1) ), fil-ħsieb ta' din il-Qorti l-konvenut għandu raġun jikkwerela ruħu u jilmenta li l-mutament "in melius" tal-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, allegat għab-bażi taċ-ċitazzjoni attriċi, ma għandux x'jaqsam xejn bħala kawżali għat-talba promossa. Infatti l-unika konsiderazzjoni li għandha tgħallem, apparti l-aċċertament tal-paternità naturali, li mhux in kwistjoni, fid-determinazzjoni tar-retta alimentarja, hija "dak li huwa neċessarju għall-ikel, għall-ilbies, u għall-abitazzjoni, skond il-kondizzjoni ta' l-omm tat-tifel"; u biss fid-dawl ta' dana l-mutament ir-retta alimentarja għandha tiġi kunsidrata, u mhux bħala korrelazzjoni tal-kambjament għall-aħjar tal-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenut. għalkemm loġikament u naturalment għall-awment, u mhux bħala raġuni għall-awment, il-pożizzjoni finanzjarja tal-konvenut trid tiġi delibata. L-istess ħaġa jingħad għall-approċċi ntiżi għat-transazzjoni, li ma jirriżultax li qatt seħħet;

Illi però l-konvenut ma għandux raġun legalment, għar-raġunijiet li ntqalu fuq, li jgħid li r-retta fissata bis-sentenza preċedenti bejn il-partijiet għandha tibqa' inalterata u ma tistax tkun alterata. Kieku l-leġislatur ried jeskludi dina l-ipoteżi dwar l-art. 108 (1), ma kienx sejjer, almenu mhux ġuridiku taħseb li kien sejjer, ma jinkludix dik il-projbizzjoni fl-art. 679 ta' l-istess Kodiċi Ċivili;

Illi konsiderazzjoni oħra li għandha, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, tiġi magħmula, hija li l-liġi tagħti lill-alimentand "dak li huwa neċessarju għall-ikel, ilbies u abitazzjoni", u ma ssemmix l-ispiża ta' l-edukazzjoni, kif "expressis" issemmi fl-art. 107 tal-Kodiċi Ċivili. Il-leġislatur, huwa minnu, ma użax il-kelmiet "manteniment u edukazzjoni" fl-art. 108 (1), imma

mill-art. 26 u 110 ta' l-istess Kodiċi Ċivili, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, dejjem wara li jkun ħemm rigward għall-kondizzjoni ta' l-omm, jitnissel li fl-alimenti li jkunu jridu jiġu fissati jew awmentati, dik l-ispiża ta' l-edukazzjoni ma għandhiex tiġi traskurata; u dina l-argumentazzjoni, jekk hija sana, kif jidhrilha din l-istess Qorti li hija fil-fatt assodata, tikkostitwixxi raġuni oħra ġuridika għall-varjabilità ta' l-alimenti determinati, kontra l-volontà ta' min għandu jagħtihom, "officio judicis";

Illi kwindi t-tieni kawżali apposta fiċ-ċitazzjoni, fis-sens li ċ-ċirkustanzi tal-minuri msemmi tbiddlu minn mindu ottjena l-ewwel sentenza fuq imsemmija, hija valida;

Illi mill-provi, meħuda in konsiderazzjoni l-kondizzjoni ta' l-omm, għall-minuri msemmi dak li huwa neċessarjament bżonjuż għall-ikel, ilbies u abitazzjoni, u manteniment tiegħu, fis-sens tal-liġi, huma fil-ħsieb ta' dina l-Qorti taħt iċ-ċirkustanzi, sufficjenti xelin u erba' soldi kuljum; u għalhekk ir-retta alimentarja fissata bis-sentenza ta' qabel għandha tiġi korrispettivament awmentata;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi, fuq il-kawżali li n-neċessitajiet strettament neċessarji għall-ikel, ilbies u abitazzjoni tal-minuri msemmi tbiddlu mis-sentenza preċedenti (minħabba ilgħoli tal-ħajja), u meħuda in konsiderazzjoni l-kondizzjoni ta l-omm, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iżid 8d. kuljum ir-retta alimentarja msemmija, u tillibera lill-konvenut dwar it-talba in kwantu bażata fuq kawżalijiet oħra; salvi u impreġudikati d-drittijiet tal-konvenut skond il-liġi. L-ispejjeż, minħabba fil-meritu, jinġabru flimkien u jitħallsu kwart mill-attriċi nomine u tliet kwarti mill-konvenut; u b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.